MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Numru 44/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Andrea Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 44 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Andrea Zammit, kif emendat bid-digriet ta' din il-Qorti tal-lum stess, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sena elfejn u hamsa, Ekram Abdel Aziz Mobarak, cittadin Egizzjan, kien sar jaf lil Andrea Zammit permezz ta' Gharbi iehor li gieli hadem fuq il-vapur jew lanca tas-sajd bl-isem ta' "Nizza" li Andrea Zammit ghandu w juza ghax-xoghol tas-sajd, u li kien qallu wkoll li fuq din il-lanca isir kummerc u traffikar ta'droga.

Darba minnhom, Andrea Zammit iltaqa' ma' dan Mobarak u staqsieh jekk kienx interessat ibieghlu

droga w jaqla lira. Mobarak accetta w dana dejjem bil-ħsieb komuni li l-istess droga tigi traffikata f'Malta illegalment.

Fil-fatt Andrea Zammit kien urieh fejn jigi r-razzett tieghu gewwa r- Rabat Malta, w qallu wkoll bil-hinijiet li huwa fihom kien ikun presenti. Dan sabiex Mobarak isibu fiz-zgur.

Fil-lejl ta' bejn il-wieħed u ghoxrin u tnejn u ghoxrin ta' Dicembru tas- sena 2005, Mobarak kien miftiehem ma' Andrea Zammit sabiex jiltaqghu ħdejn dan ir-razzett u jghaddilu kaxxa bid-droga li allura kienet kustodita fil-vettura ta' Andrea Zammit. Andrea Zammit kien ħeba l-kaxxa bid-droga taħt siġra sitwata eżatt kif tidħol fuq ġemb minnhom tax-xatba tal-istess razzett ir-Rabat. Mobarak kellu jinżel ghaliha.

Fortunatament, il-Pulizija Maltija kienet qeghda tircevi taghrif anonimu w xort'oħra dwar din l-attivita' ta' dawn iż-żewġ persuni. Kien ghalhekk li l-Pulizija bdiet iżżomm l-inħawi tar-razzett in kwistjoni taħt sorveljanza stretta, f'liema perjodu ta' sorveljanza rnexxielha anke tara W tosserva direttament lil dawn iż-żewġ persuni jaġixxu b'mod doluż. Huma nqabdu, W b'hekk din l-assocjazzjoni ta' bejniethom fit- traffikar tad-droga ġiet sfrattata w intemmet fix-xejn.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Andrea Zammit sar ħati talli assocja ruħu ma' persuni oħra f'Malta w ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jittraffika medicina w droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, jew ippromowova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l- assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Andrea Zammit ħati talli assocja ruħu ma' persuni oħra f'Malta w ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jittraffika medicina w droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skond il-ligi, w illi jiġi kkundannat ghal piena ta' priġunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira

Maltija (LM 1000) iżda mhux iżjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il- Medicini Perikolużi (Kap.101) u fl-artikoli 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena oħra li skond il-liġi tista' tinghata skond kif jiġi ddikjarat ħati l-akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi ukoll dejjem fil- perjodu imsemmi fl-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza, w cioe fit-22 ta' Dicembru, 2005 u x-xhur ta' qabel Andrea Zammit kien ukoll jittraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis.

Dan it-traffikar kien isir fl-istess post fejn kien jiltaqa' mal-bejjiegh tieghu certu Mobarak, u, fost persuni oħra li lilhom kien ibiegh ir-raża, kien hemm dawk li direttament kien jinnegozja magħhom l-istess Mobarak ghan-nom ta' Andrea Zammit. Andrea Zammit ried mitejn u ħamsin Lira Maltin (LM250) ta' kull blokka jew sapuna tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis, u l-kumplament tal-prezz li seta' jgib Mobarak iżommu ghalih bħala profit. Fil-fatt, Mobarak kien jaqla' cirka ghaxar Liri Maltin (LM10) fuq kull sapuna.

Andrea Zammit, ghalhekk irrenda ruħu ħati tar-reat ta' traffikar fil- medicina perikoluża raża meħuda mill-pjanta cannabis.

Ghaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Andrea Zammit ħati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raża meħuda mill-pjanta cannabis specifikata fit-Tielet Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill- President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikolużi jew minn xi awtorita' moghtija mill- President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principal ital-Gvern

skond id- disposizzjonijiet tat- Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d- droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skond il-liġi, w illi huwa jiġi ikkundannat ghal piena ta' priġunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) iżda mhux iżjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal- Medicini Perikolużi (G.N.292/39) u fl-artikoli 22, 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena oħra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fil-perjodu li fuqu jitratta dan l-att ta' akkuża, Andrea Zammit, kull darba li kien jittraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis, wara li jkun ipprokuraha w akkwistaha minghand ħaddiehor, kien ikun fil-pussess xjenti tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis.

L-aħħar darba li kien materjalment fil-pussess tar-raża kien proprju dakinhar tal-lejl bejn il-21 u t-22 ta' Dicembru, 2005, u cioe' meta l- Pulizija sussegwentement intercettat u arrestat lil Mobarak li kien ghadu kemm ħa pussess ta' circa hmistax-il kilo tar-raża minghand Andrea Zammit.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Andrea Zammit sar ħati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raża meħuda mill-pjanta cannabis li ghalija tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikolużi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni maħruġ mit-Tabib Principal ital-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikolużi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma

kienx b'xi mod ieħor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal- 1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikolużi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma ġietx fornita lilu ghall-użu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wieħed taħt tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-użu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Andrea Zammit, ħati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, li ghalihom tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikolużi, 1939 (Kap.101), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal- Ordinanza dwar Medicini Perikolużi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikolużi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill- President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id- droga ma ġietx fornita lilu ghall-użu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wieħed taħt tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-użu esklussiv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat ghal piena ta' priġunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) iżda mhux iżjed minn ħamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b),, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli

tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikolużi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23, 20, 17(b)(h), 22 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena oħra li tista' skond il- liġi tinghata ghall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fit-22 ta' Dicembru 2005, il-Pulizija ghaddiet sabiex taghmel tfittxija fir-razzett ta' Andrea Zammit fil-limiti tar-Rabat, Malta. F'waħda mill-kmamar instabu diversi karkassi tat-tjur ibbalzmati liema ghasafar huma protetti bil-liġi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Andrea Zammit sar ħati talli kellu fil-pussess tieghu xi ghasafar, ħajjin jew mejtin, jew parti minn ghasafar, jekk ma kienux xi ghasafar inklużi fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu mar- Regolamenti tal- Avviż Legali 146 tal-1993, u ma ppruvax li dawk l- ghasafar, jew parti minnhom, kienu importati b'mod leġittimu jew li kienu imrobbija fil-maqful jew li kienu reġistrati mad-Direttur skond ir- regolamenti 12 (1) u 25 (2) (a) u l-I, II u III Skeda tal-Avviż Legali 146 tal-1993 kif sussegwentement emendat.

Ghaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Andrea Zammit, ħati talli kellu fil-pussess tieghu xi ghasafar, ħajjin jew mejjtin, jew parti minn ghasafar, jekk ma kienux xi ghasafar inklużi fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu mar-Regolamenti tal-Avviż Legali 146 tal-1993, u ma ppruvax li dawk l-ghasafar, jew parti minnhom, kienu importati b'mod leġittimu jew li kienu imrobbija fil-maqful jew li kienu reġistrati mad-Direttur skond ir-Regolamenti 12 (1) u 25 (2) (a) u l-I, II u III Skeda tal-Avviż Legali 146 tal-1993 kif sussegwentement emendat.

Talab illi jinghamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat ghal piena ta'multa ta' mhux inqas minn hamsin Lira Maltin u mhux aktar minn ħames mitt Lira Maltin, skond dak li hemm u jintqal fir-regola 12 (1) u 25 (2) (a) u l-I, II u III Skeda tar-Regoli tal-1993, Avviż Legali 146 tal-1993 dwar il-Ħarsien tal-Ghasafar u tal-Fenek Selvaġġ, u fl-artikoli 23, 20, 30,17(b)(h), 22 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tinghata ghall-ħtija tal- imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lil Andrea Zammit hati tal-ewwel Tlett Kapi tal-Att tal-Akkuza w bi tmin (8) voti favur u b'wiehed (1) kontra sabuh hati tar-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Andrea Zammit hati talli
1. fil-lejl ta' bejn il-wieħed u ghoxrin u tnejn u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena 2005 assocja ruħu ma' persuni oħra f'Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jitraffika medicina w droga oħra f'Malta bi ksur tad- disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.
2. fit-22 ta' Dicembru, 2005 u x-xhur ta' qabel, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raża meħuda mill-pjanta cannabis specifikata fit-Tielet Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir- Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikolużi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.
3. fil-lejl bejn il-21 u t-22 ta' Dicembru, 2005 kellu fil-pussess tieghu d- droga raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li ikollhom bħala bażi din ir-raża, li ghalihom tapplika it-Taqsima III tal- Ordinanza dwar Medicini Perikolużi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil- pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern

skond id-disposizzjonijiet tat- Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikolużi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenzja mill- President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall- Kontroll Intern tal-Medicini Perikolużi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill- President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma ġietx fornita lilu ghall-użu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wieħed taħt tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-użu esklussiv tieghu, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

4. fit-22 ta' Dicembru 2005, kellu fil-pussess tieghu xi ghasafar, ħajjin jew mejjtin, jew parti minn ghasafar, jekk ma kienux xi ghasafar inklużi fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu mar-Regolamenti tal-Avviż Legali 146 tal-1993, u ma ppruvax li dawk l-ghasafar, jew parti minnhom, kienu importati b'mod leġittimu jew li kienu mrobbija fil-maqful jew li kienu reġistrati mad-Direttur skond ir-Regolamenti tal-Avviż Legali 146 tal-1993 kif sussegwentement emendat, u dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet KOLLHA tal-abbli difensur Dr. Emanuel Mallia, li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti :-

1. l-eta' pjuttost avvanzata tal-hati;
2. li kien ilu jistenna ghall-erba' snin u tlett xhur biex dan il-process jigi konkluz u fil-frattemp ma setax ikompli bl-attivita' lavorattiva tieghu;
3. illi l-fedina penali aggornata tal-hati kienet tinkludi numru ta' kontravenzjonijiet biss hlief ghal ksur wiehed tal-ligi tad-dwana li jirrizali ghal 1998 u ghalhekk il-Qorti kellha tqis dan kollu fil-latitudni tal-piena li taghtiha l-ligi.

Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Jason Grima w cioe' li l-piena f'dan il-kaz kellha necessarjament tirrifletti l-ammont konsiderevoli tad-droga w trid issir differenza mill-piena moghtija lil Ekrami Mobarak li kien ammetta mill-

ewwel il-htija tieghu w ghalhekk ibbenefika mir-riduzjoni fil-piena

Qieset ukoll illi r-reati taht l-Ewwel u t-Tielet Kapi f'dan il-kaz partikolari, servew bhala mezz biex sar ir-reat kontemplat fit-Tieni Kap u ghalhekk skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ghandha tinghata l-piena biss ghar-reat taht it-Tieni Kap.

Qieset li l-piena ghar-reat ta' traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis, meta l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti hija ta' prigunerija ghall-ghomor u l-multa relattiva ta' mhux inqas minn €2329.37 izda mhux izjed minn € 116,468.67, izda meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, kif ukoll meta l-Qorti tkun tal-fehma li l-kwantita' tal-medicina involuta fir-reat u c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghal dik ta' ghomor ma tkunx dik xierqa, l-persuna misjuba hatja tkun suggetta ghall-piena ta' prigunerija ghall-zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn Euro 2,329.37 izda mhux izjed minn Euro 116,468.67.

Qieset li mill-fedina penali aggornata tal-hati jidher li kellu erbatax-il kundanna ghar-reati kontravenzjonali, tat-traffiku jew amministrattivi. Kellu mbaghad kundanna ghal danni volontarji w ohra ghal ksur tal-ligijiet tad-dwana fejn gie kkundannat ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u multa ta' LM 29,981.51c.

Wara li qieset dan kollu, w wara li rat l-artikoli 8(a)(b), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f), 22(2)(a)(i)(aa)(bb) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39), ir-Regolamenti 12 (1) u 25 (2) (a) u l-I, II u III Skeda tal-Avviz Legali 146 tal-1993 dwar il-Harsien tal-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg, u l-artikoli 17(f)(h), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati Andrea Zammit ghall-piena ta' tmintax il-sena prigunerija, u ghall-multa komplessiva ta' hamsin elf Ewro (€50,000) li jekk ma

tithallas puntwalment tigi konvertita f' terminu ulterjuri ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija kif ukoll li jhallas is-somma ta' elfejn mija u disgha w sittin Euro u tletin Euro centezmi (€2169.30) import ta' l-ispejjez tal-perizji, eccetto dawk ta' Dr. Richard Sladden u ta' Dr. Stephen Farrugia Sacco, li ma sar ebda uzu minnhom f' dan il-process kontra l-hati.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------